# JEKK.... IŻDA....

PATRI
FRANS BALDACCHINO

Mulej:
fil-baħar imqalleb tal-ħajja,
fejn waħdi ngħum bil-lejl 'il-bogħod mix-xtajta
u fl-għama u fit-telfa tad-dalma,
nistinka, nitħabat u naqdef
lejn ix-xatt ...
lejn ix-xefaq ...
belgħa ilma mielaħ ... qares.
niblagħha u nobżoqha.
u nibża' minn oħra.

Iżda belgħa wara belgħa ...
u mielħa u qarsa ...
u qarsa u mielħa ...
li nibla' u nobzoq,
u nobżoq u nibla' ..
dan le, Mulej,
dan le,
għax nifga.

F'baħar qalil, imċaqlaq,
jekk mewġa tirkibni.
tegħlibni,
tniżżilni,
tgħaddasni ...
Jien f'leħħa ta' berqa nintrefa',
rasi ngħolli 'l fuq għall-arja ...
nissielet għan-nifs.

Iżda x'nagħmel jekk mewġa ma' mewġa
tissieħeb u xxegħebni.
tniżżilni,
tgħaddasni,
tbellagħni ... u terġa' ...
bla heda u mistrieħ?
Jekk qawwet il-baħar
bħal tibna tarmini, titfagħni, tħabbatni,



bil-qilla ma' l-iebes tax-xatt ...
b'idejja misluħa, b'difrejja
inqabbad ma' xifer ta' blata,
bħal arzella, bħal imħara.
jitilgħu għalija,
jiġbduni.
jkaxkruni.
mill-ġdid.

U tmut iżjed din qalbi tal-laħam,
jekk f'baħar imqalleb, mudlam,
fejn waħdi ngħum 'il-bogħod mix-xtajta,
bla heda, kull ħin,
nitbella' u nerġa'.
u nogħdos u nitla',
u naħbat, nissabbat,
ma' blat iebes bil-ponot,
fil-kesħa tax-xitwa
waħdi u waħdi u waħdi ...
bla wens,
bla kenna ...

Ja Sidi,
nitbekka,
niddispra,
bħal ġifa nintelaq ...
jekk idek ħanina,
int lejja ma tmiddx.

**30/3/73**

# Lit-Torri ta' Londra

**JOSEPH SCIBERRAS**

Torri ta' Londra
tiftaħar bil-korazzi
ta' żmien l-imgħoddi
u lit-turisti turihom bi kburija.
Nagħdrek
għax naf li qatt ma rajt il-ġmiel li għandna
għall-wiri fl-Armerija
għax kieku tirgħex kont u taħbi wiċċek
iħammar bil-mistħija.